MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' April, 2011

Numru. 550/2011

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Stephen Pace, iben Theresa Pace, imwieled Pieta' fit-3 ta' Frar, 1985, Karta ta' l-Identita numru 174485(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fl-14 ta' Marzu, 2011 mill-ħanut 'Soap Box' sitwat f'Misraħ is-Sebgħa ta' Ġunju, 1919, Ħamrun ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u li sar għad-dannu ta' Vanessa Formosa u/jew persuna/i oħra;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta jew issekwestra lil Vanessa Formosa kontra l-

volonta' tagħha u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, fil-ħin li huwa kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta' serq jew ħsara lill-proprjeta', kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.
Il-Qorti ġiet mitluiba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' April, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(a), 262, 276, 86 u 87(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża, rat il-fedina penali u il-fatt li l-imputat ikkolabora mal-pulizija. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Superviżjoni fuq l-imputat għal perjodu ta' tlett snin mil-lum. Għandha tiġi studjata l-possibilita li l-imputat jibda jattendi programm għar-riabilitazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga. Minbarra dan, mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------